**387. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, l-Onor Deborah Schembri pproponiet:**

Billi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Grech tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962), il-Gvern ta' Malta kien ikkonċeda a favur Our Lady of Lourdes Institute, Mġarr, Gozo b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal 99 sena dekorribbli mid-data tal-att u li tiskadi fit-28/03/2061 żewġ *plots* ta' art li jinsabu l-Imġarr, fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex. Dawn l-artijiet kienu indikati bil-kulur aħmar u bl-ittri 'A' u 'B' fuq il-pjanta annessa mal-istess att; u

Billi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Grech tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965), il-Gvern ta' Malta kien ikkonċeda a favur Our Lady of Lourdes Institute, Mġarr, Gozo b'titolu ta' enfitewsi temporanja dekorribbli mid-data tal-att u li tiskadi fit-28/03/2061 ta' *plot* art oħra li tinsab l-Imġarr, Għawdex. Din l-art kienet indikata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta annessa mal-istess att mmarkata 'X'.

Billi sussegwentament Our Lady of Lourdes Institute, Mġarr, Gozo talbet lil Gvern ta' Malta jittermina l-imsemmija konċessjoni enfitewtiċi u li tiġi konċessa konċessjoni enfitewtika ġdida li tkun perpetwa li tistipula li immobbli enfitewtikat għandu jintuża esklussivamment għall-iskopijiet filantropiċi kif kienu jistipulaw ukoll il-konċessjonijiet enfitewtiċi temporanji hawn fuq imsemmija; u

Billi l-Gvern ta' Malta laqa' tali talba iżda mingħajr preġudizzju għal dan, il-Gvern ta' Malta ser jirriserva a favur tiegħu, u l-enfitewta ser jaċċetta, illi l-istess Gvern ta' Malta u/jew xi entità j/tkun j/tista' j/tagħmel użu tal-immobbli enfitewtikat għal skopijiet oħra/differenti għal perjodu biss ta' tliet (3) snin, dekoribbli mid-data tal-istess att;

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi attivitajiet filantropiċi, għalhekk il-Gvern qiegħed jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mhux rivedibbli a favur Our Lady of Lourdes Institute, Mġarr, Gozo b'effett mid-data tal-att ta' biċċa art fi Triq l-Imġarr f'Għajnsielem, Għawdex bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha kollha, bl-arja libera tagħha/tagħhom, tal-kejl ta' *circa* 10,601m.k. bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha/tagħhom, u liema art bil-benefikati fuqha tinsab murija delineata bl-aħmar fuq pjanta u *survey sheet* inserita fl-istess pjanta, indikata bħala P.D. No: 2012_763 li ser tiġi annessa mal-att;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li proprjetà li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment; u

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li proprjetà *ossia* biċċa art fi Triq l-Imġarr f'Għajnsielem, Għawdex bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha kollha, bl-arja libera tagħha/tagħhom, tal-kejl ta' *circa* 10,601m.k; bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha/tagħhom, li tinsab murija delineata bl-aħmar fuq pjanta u *survey sheet* inserita fl-istess pjanta, indikata bħala P.D. No: 2012_763 tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mhux rivedibbli dekorribbli mid-data tal-att a favor Our Lady of Lourdes Institute, Mġarr, Gozo, għall-iskop u skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

27.07.16